MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI,
|GHA|AG} U XOG}OL
FLORIANA CMR02
MALTA

MINISTRY FOR EDUCATION, YOUTH
AND EMPLOYMENT
Floriana CMR02
MALTA

STUDENT SERVICES AND INTERNATIONAL RELATIONS DEPARTMENT
Tel: 25982464/5 Fax: 21226103
E-Mail: dssir.educ@gov.mt

# Letter Circular

**Information __X__** **Action Required __X__**

**Ref: SILC 01/06** **Date: 1st January 2006**

**To: All Heads of School (State and Non-State) and Sections**

**Subject: Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb – It-Tmien Harga**

---

Kindly bring the accompanying information from *IL-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb* to the attention of your staff.

M. R. Mifsud
Director
Student Services and International Relations

Enc

# It-8 ħarġa - Diċembru 2005

# Folju ta' AĦBARIJIET

## Tkompli l-ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

**Issa li għaddew l-għadmiet iebsa tal-Fiera tal-Ktieb u l-Premju Letterarju, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kompla għaddej bil-ħidma tiegħu biex jara li l-ktieb u l-għarfien tiegħu jaslu fid-djar tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Tal-kunsill hija aġenda mifruxa mhux ħażin u qed jagħmel l-almu tiegħu biex ikattar l-imħabba lejn il-ktieb.**

Fil-laqgħa tal-K.N.K. tad-9 ta' Diċembru, il-Kunsill waqqaf tliet kumitati b'għanijiet speċifiċi ħafna li mill-ħidma aħħarija tagħhom mistennija anki jġibu xi bidliet ta' kif l-affarijiet saru sa issa.

Wieħed mill-kumitati mwaqqfa se jistudja fil-fond l-Fiera tal-Kotba u l-andament ta' din is-sena. Kien hemm min ġibed l-attenzjoni tal-K.N.K. li daw l-aħħar snin, u partikolarment din is-sena, naqsu n-nies li żaru l-fiera, u allura l-K.N.K. se jagħmel ħiltu biex jifhem x'ġara u biex fuq kollox jissoda dak li nkiseb u jkompli jibni fuqu għas-snin li ġejjin. Hi l-politika tal-Kunsill li jkabbar il-Fiera għax jemmen li minnha joħroġ ħafna ġid.

L-esebituri kollha ġew mistiedna biex jagħtu l-fehma tagħhom dwar li ġara u dak li qed jistennew u bħalissa qed jinbena rapport mibni fuq dak li qed jibagħtu jgħidu huma u anke dak li qed jgħidu dawk li l-aktar kienu qrib ta' l-organizzazzjoni tal-fiera. Wara r-rapport se jkun hemm seminar għall-partijiet kollha fejn id-dokument ikun il-bażi ta' diskussjoni prattika li twassal, jekk jinsab li jkun hemm bżonn ta' hekk, għal riforma fil-Fiera tal-Ktieb.

Il-kumitat l-ieħor li twaqqaf se jieħu ħsieb ir-riforma mill-qiegħ tal-Premju Letterarju. Il-Kunsill iħoss li hemm ċerti kategoriji li ħaqqhom li jkunu miftuħa jew riformati jew saħansitra mibnija mill-bidu.

Fiż-żewġ każijiet, il-K.N.K. se jisma' lill-kittieba, lill-pubblikaturi u lil dawk kollha li jemmnu li għandhom ideat validi x'joffru.

Kumitat ieħor li twaqqaf fi ħdan il-KNK hu intenzjonat li jikko-ordina attivitajiet relatati ma' l-għarfien tal-ktieb flimkien mal-Kunsilli Lokali.

Il-kumitati kollha għandhom jibdew il-ħidma tagħhom f'Jannar ta' l-2006.

## Djarju tal-Kunsill

**30 ta' Novembru 2005**
Dr Ġorġ Mallia, f'isem il-K.N.K., fetaħ il-21 edizzjoni tal-Fiera tal-Ktieb. Tkellmu s-Sur Philip Borg, responsabbli mill-kumitat ħabrieki li organizza l--Fiera, Dr Mallia, u s-Sur Frans Borg, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi.

**1 ta' Diċembru**
Il-Fiera fetħet għall-pubbliku.

**2 ta' Diċembru**
Il-Premju Letterarju. Kien hemm sala mballata. L-onorevoli Ministru Dr Louis Galea faħħar ħidmet il-K.N.K. L-għada l-kunsill iċċirkola r-riżultati lill-istampa u lil dawk interessati. Mhux l-istampa kollha, sfortunatament, tat importanza lill-premju.

**4 ta' Diċembru**
Għalqet il-Fiera tal-Ktieb.

**9 ta' Diċembru**
Laqgħa tal-K.N.K.




Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Il-Librerija Pubblika Ċentrali, Il-Floriana. Email: sergiogrech@yahoo.com - Numru tal-mobile 99827179.